MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Mandat Numru. 1568/2007/1

**Doris sive Janet Bonnici**

**vs**

**Peppi Azzopardi, Where's Everybody Ltd, Public Broadcasting Services Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors,

Rat ir-risposta.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ezaminat bir-reqqa in-noti sottomessi.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ikkunsidrat illi:

Ir-rikorrenti odjerna qed titlob lil din il-Qorti biex izzomm lill-intimati milli jxandru recordings u filmati taghha li ttiehdu minghajr il-kunsens taghha ghaliex tali xandir jilledi d-dritt ta` privatezza taghha kif sancit minn Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Att XXVI tal-2001).

L-intimati jsostnu li fil-qadi tal-funzjoni taghhom ta` gurnalizmu, huwa fl-interess pubbliku li jxandru dawn ir-recordings li jesponu l-attivita` tar-rikorrenti bhala *‘medium’* u *‘fortune teller’*.

Il-Qorti tibda` biex tenfasizza illi fil-materja ta` mandat ta` inibizzjoni l-indagini lit rid taghmel il-Qorti hija limitata ghall-prova ta` dritt *“prima facie”* li rikorrent jghid li jgawdi.

Ikkunsidrat illi l-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid illi:

8(i) *“Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence”.*

Ir-rikorrenti tilmenta li, peress illi r-recordings ittiehdu fid-dar taghha hija ghandu jkollha l-protezzjoni li taghtiha l-Konvenzjoni.

Il-Qorti tinnota mal-ewwel illi ghalkemm m`hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li dawn ir-recordings u filmati ttiehdu gewwa darha, l-istess rikorrenti tisvolgi fl-istess dar attivita` li ghaliha jirrikorru nies barranin ghall-familja taghha u, ukoll dan hi taghmlu bi hlas. Hi taghti l-kunsens taghha biex barranin jidhlu go darha. Ihallsu l-flus ghas-“servizzi” taghha liema “servizzi” jinghataw fl-istess dar. Id-dar saret il-post tan-negozju taghha. B`hekk, hija l-attivita` taghha stess li snaturat id-dar taghha mill-

privatezza li issa qed tirreklama. Ghar-rigward tad-dritt ta` privatezza l-ghoti tas-“servizz”, il-Qorti tikkumenta li dan id-dritt igawdih il-klijent fil-konfront ta` min jaghti s-servizz. L-abbli difensur tar-rikorrenti qabbel is-sitwazzjoni ma` dik li tezisti ta` habib u pazjent. Dan il-paragun, fil-fehma tal-Qorti ma japplikax. Ghalkemm tabib huwa marbut bis-sigriet professjonali, pazjent m`huwiex hekk marbut. Fil-fatt, pazjent jista` liberament ixandar il-kundizzjoni medika tieghu. Huwa t-tabib li ma jistax jitkellem dwarha.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li d-dritt ghal privatezza kif sancit bl-Art. 8 tal-Konvenzjoni irid jigi bilancjat mad-dritt ghal-liberta` ta` l-espressjoni kif sancit fl-Art. 10 ta` l-istess konvenzjoni, li huwa wkoll fondamentali f`kull socjeta` demokratika. F`dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghal dak li enuncjat il-Qorti Ewropea fil-kaz Hannover vs Germany (ECHR 24.06.2004) u Krone Verlag Gmbh & Co KG vs Austria (ECHR 26.02.2002) liema decizjonijiet insistew fuq dan il-bilanc hekk essenzjali.

Ir-rwol essenzjali tal-istampa f`materja ta` interess pubbliku gie enfasizzat ukoll mill-istess Qorti Ewropea fil-kaz Castells vs Spain (ECHR 23.04.1992).

Madanakollu, il-Qorti tinnota u tenfasizza li d-dritt tal-gurnalist kif protett mil-ligijiet kemm lokali kif ukoll Ewropej huwa dritt li ghandu jigi ezercitat b`responsabbilita` assoluta.

Hawnhekk wiehed irid jara jekk ic-cirkostanzi tal-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum jinkwadrawx ruhhom fl-isfera ta` interess pubbliku.

L-iskop tal-programmi mhejjija mill-intimati hu li jinforma l-pubbliku dwar prattici, fil-fehma tal-Qorti ferm oggezzjonabbli ta` qari tax-xorti, kuntatt ma` spiriti u anki talbiet li dawn il-persuni jkollhom biex isir maghmul fuq persuni partikolari. Il-hsara ta` dawn il-prattici hija evidenti. Huwa fl-interess tal-pubbliku li jkun jaf x`qed jigri f`pajjizna. L-isfruttament ta` nies vulnerabbli irid jigi skopert u jekk jista` jkun, eradikat. L-interess pubbliku

f`din il-materja huwa ovvju. Il-Qorti tmur oltre u tinsisti li huwa dmir tal-gurnalista li jisvela dawn il-prattici.

Il-Qorti tirreferi ghad-distinzjoni li saret mir-rikorrenti bejn dak li hu fl-interess pubbliku u dak li hu semplicement interessanti ghall-pubbliku. Fl-isfond tas-sitwazzjoni odjerna il-Qorti tqies li l-materja m`hijiex biss interessanti ghall-pubbliku pero` hija intrinsikament fl-interess pubbliku u dan tenut kont tal-fatt li l-hsara li tista` tigi kawzata, anki jekk biss psikologika, hija serja. Il-possibilita` ta` din il-hsara hija reali u dan il-fatt wahdu wkoll jirrendi l-materja ta` nteress pubbliku. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tqisx li din hija materja ta` sensazzjonalizmu. L-interess pubbliku jezisti u jezisti sew.

Id-diskussjoni ghalhekk tersaq lejn il-metodi uzati mill-istess gurnalisti biex jikxfu l-prattici. L-intimati f`dan il-kuntest uzaw cameras u recording equipment mohbija biex igibu xhieda veraci ta` dak li jsehh.

Wiehed hawnhekk jirreferi ghall-guidelines mahruga mill-Awtorita` tax-Xandir li hija l-awtorita` Kostituzzjonali li tirregola x-xandir f`Malta.

Fost affarijiet ohra, dawn il-guidelines, senjatament f`paragrafu 8.14 jghidu hekk:

*"The use of hidden microphones and cameras should only be considered where it is necessary to the credibility and authenticity of the story"*. L-istess guidelines f`dan il-kuntest jghidu:

*"When recording does take place secretly, the words or images recorded should serve an overriding public interest that justify:*

*(a) the decision to gather the material*
*(b) the actual recording*
*(c) the broadcast".*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-Broadcasting Code mahruga minn Ofcom, ir-regolatur ghall-komunikazzjoni fir-Renju

Unit, liema regolatur huwa stabbilit bil-*"Office of Communications Act 2002"*. Dan il-kodici jippermetti l-uzu ta`:

*"material obtained through misrepresentation or deceit without consent if it is in the public interest and cannot reasonably be obtained by other means".*

L-istess Broadcasting Code jipprovdi ukoll (par. 8.13) illi:

*"Surreptitious filming or recording should only be used where it is warranted. Normally, it will only be warranted if:*

- *there is prima facie evidence of a story in the public interest, and*
- *there are reasonable grounds to suspect that further material evidence could be obtained, and*
- *it is necessary to the credibility and authenticity of the programmes"*.

Il-*"producers'"* guidelines tal-B.B.C. ukoll jipprovdu ghal dan it-tip ta` recording u filming bil-mohbi, u fil-principji generali l-istess guidelines jghidu:

*"The B.B.C. will normally only allow the use of surreptitious recording for broadcasting for one of the following purposes:*

- *As an investigative tool to explore matters which raise issues of serious anti social or criminal behaviour, where there is reasonable prior evidence of such behaviour …*
- *As a method of social research where no other methods could reasonably capture the behaviour under scrutiny. In such cases it will be usual practice to disguise the identities of the individuals concerned"*.

L-istess guidelines jghidu wkoll:

*"In investigating the above, the BBC will generally use hidden cameras or microphones on private property only where;*

- *prima facie evidence exists of crime or of significant anti-social behaviour by those to be recorded".*

Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li l-agir tal-intimati jilledi wkoll id-drittijiet taghha kif protetti mill-Kap. 440 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. Issa, fic-cirkostanzi tal-kaz kif ga spjegati aktar 'l fuq il-Qorti tinnota l-Art. 6(1) tal-istess kap 440 li jipprovdi illi:

*"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet li gejjin ta` dan l-Artikolu, xejn f`dan l-Att ma ghandu jkun ta` pregudizzju ghall-applikazzjoni tad-disposizzjoni ta` l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, dwar il-liberta` tal-espressjoni jew id-dispozizzjonijiet ta` l-Att dwar l-Istampa, dwar il-libertajiet gurnalistici"*.

Fl-isfond ta` dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ma ssodisfatx ir-rekwiziti tal-Art. 873 tal-Kap. 12.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tirrevoka d-digriet taghha tad-19 ta` Ottubru, 2007 u tichad definittivament it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------